Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0135(COD)

16.9.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kuwajt, il-Qatar)
(COM(2022)0189 – C9-0160/2022 – 2022/0135(COD))
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Erik Marquardt

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kuwajt, il-Qatar)
(COM(2022)0189 – C9-0160/2022 – 2022/0135(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0189),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0160/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Kuwajt u l-Qatar ***jippreżentaw riskji baxxi ta' migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni u*** joħorġu passaporti bijometriċi f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili	(3) ***Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni,*** il-Kuwajt u l-Qatar ***jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1806, li jippermettu l-inklużjoni tagħhom fil-lista***

Internazzjonali. ***Il-kooperazzjoni fis-sigurtà ma' dawk il-pajjiżi intensifikat f'dawn l-aħħar snin. Fir-rigward tal-interessi ekonomiċi, il-Kuwajt u l-Qatar huma sħab ekonomiċi importanti għall-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija. Għalkemm*** għad fadal sfidi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali***, il-Kuwajt*** u l-Qatar ***għaddew minn trasformazzjonijiet*** soċjetali u ***titjib fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tax-xogħol u l-libertà tar-reliġjon u d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u huma mistennija li jkomplu jagħmlu progress u riformi. Il-benefiċċji fit-tul*** tal-ivvjaġġar mingħajr viża ***lejn l-UE jistgħu jsaħħu x-xejriet pożittivi f'dawn l-oqsma***.

ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mill-ħtieġa ta' viża. Iż-żewġ pajjiżi joħorġu ***wkoll*** passaporti bijometriċi f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. ***Madankollu, kif deskritt fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-issodisfar mill-Kuwajt u mill-Qatar tal-kriterji elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1806), fir-Rapport Annwali tal-UE tal-2021 tas-SEAE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja (Rapporti tal-Pajjiżi) u f'diversi rapporti tal-NGOs,*** għad fadal ***tħassib serju u ħafna*** sfidi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ***fil-Kuwajt*** u l-Qatar ***minkejja t-trasformazzjonijiet*** soċjetali u ***l-bidliet leġiżlattivi reċenti u li għaddejjin bħalissa. Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-eżenzjoni mill-viża u r-reċiproċità sħiħa tagħha, il-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża jenħtieġ li jiżgura li kwalunkwe ostaklu li jipprevjeni t-tgawdija tal-benefiċċji*** tal-ivvjaġġar mingħajr viża ***meta jinqasmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri jitneħħa billi jingħata aċċess lill-benefiċjarji fuq bażi nondiskriminatorja, b'mod partikolari aċċess indipendenti għall-ivvjaġġar għan-nisa, il-membri tal-komunità LGBTQ+ u l-persuni apolidi***. ***Tali kundizzjonijiet jenħtieġ li jiġu riflessi fil-ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża li jiġu konklużi bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Barra minn hekk, jenħtieġ li jinbeda djalogu sħiħ u uffiċjali dwar id-

drittijiet tal-bniedem mal-Kuwajt u mal-Qatar, li jwassal għal titjib u kisbiet tanġibbli fir-rigward, fost l-oħrajn, tad-drittijiet tax-xogħol u tal-ħaddiema, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema migranti, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-persuni LGBTQ+, il-libertà tar-reliġjon, il-projbizzjoni tat-tortura, il-libertà tal-kelma, id-dritt ta' għaqda, u l-projbizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni u l-Kuwajt u l-Unjoni u l-Qatar jenħtieġ li jinkludu impenji espliċiti u konkreti għal dan l-għan.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***B'konsegwenza***, ċittadini ta' dawk il-pajjiżi ***għandhom ikunu*** eżenti ***mill-ħtieġa tal-viża*** għal soġġorni ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, u r-referenzi għal dawk il-pajjiżi ***għandhom*** jiġu trasferiti għall-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806.	(4) ***Meta jitqies li l-benefiċċji fit-tul tal-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE u tal-iskambju reċiproku magħha jistgħu jirrinforzaw xejriet pożittivi anki fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali***, ċittadini ta' dawk il-pajjiżi ***jenħtieġ li jkunu*** eżenti ***mill-ħtieġa ta' viża*** għal soġġorni ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, u r-referenzi għal dawk il-pajjiżi ***jenħtieġ li*** jiġu trasferiti għall-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jiġu vvalutati l-benefiċċji, il-kisbiet u t-titjib potenzjali marbuta mal-eżenzjoni reċiproka mill-ħtieġa ta' viża, il-

ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni u l-Kuwajt u l-Unjoni u l-Qatar jenħtieġ li jipprevedu l-evalwazzjoni perjodika mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom, inkluża d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-eżenzjoni ***mir-rekwiżit tal-viża*** għaċ-ċittadini tal-Kuwajt u tal-Qatar ***ma għandhiex tapplika*** sakemm ma jiġux konklużi ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni u l-Kuwajt u l-Qatar, sabiex b'mod partikolari tiġi żgurata r-reċiproċità sħiħa.	(6) L-eżenzjoni ***mill-ħtieġa ta' viża*** għaċ-ċittadini tal-Kuwajt u tal-Qatar ***jenħtieġ li ma tapplikax*** sakemm ma jiġux konklużi ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni u l-Kuwajt u l-Qatar, sabiex b'mod partikolari tiġi żgurata r-reċiproċità sħiħa. ***Il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni u l-Kuwajt u l-Unjoni u l-Qatar jenħtieġ li ma tkunx dipendenti fuq il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali relatati ma' oqsma oħra ta' politika, bħar-ritorn jew ir-riammissjoni, jew inkella tkun interkonnessa magħha.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Skont il-mudell tal-proċess attwali, li jkopri l-Kuwajt u l-Qatar bħala ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida skont ir-Regolament (UE) 2018/1806, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta minnufih is-sitwazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra potenzjalment eliġibbli għall-eżenzjoni

mill-viża, b'mod partikolari l-Oman u l-Ekwador, filwaqt li tqis il-koerenza reġjonali rispettiva.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li temenda r-Regolament (KE) 2018/1806 biex jeżenta liċ-ċittadini tal-Kuwajt u l-Qatar mill-ħtieġa li jkunu fil-pussess taʼ viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri għal soġġorni taʼ mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu taʼ 180 jum. Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-regolament propost se jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis taʼ Schengen.

Il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mill-ħtieġa taʼ viża għandhom jiġu stabbiliti abbażi taʼ valutazzjoni każ bʼkaż taʼ diversi kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2018/1806. Il-kriterji jirrigwardaw, fost l-oħrajn, "l-immigrazzjoni illegali, l-ordni pubbliku u s-sigurtà, il-benefiċċji ekonomiċi, partikolarment fʼtermini taʼ turiżmu u taʼ kummerċ barrani u r-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti, inklużi, bʼmod partikolari, kunsiderazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll l-implikazzjonijiet taʼ koerenza u reċiproċità reġjonali".

Ftehim taʼ eżenzjoni mill-viża, li se jinkludi salvagwardji fir-rigward tal-kriterji tar-Regolament (UE) 2018/1806 li ġġustifikaw l-eżenzjoni mill-viża, ikollu jiġi konklużbejn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi u l-UE biex l-eżenzjoni ssir effettiva. Wara l-applikazzjoni tal-eżenzjoni proposta mill-ħtieġa taʼ viża, il-mekkaniżmi taʼ reċiproċità u sospensjoni tar-Regolament (UE) 2018/1806 jistgħu jiġu applikati fʼkaż li r-reċiproċità sħiħa tal-viża ma tkunx żgurata jew jekk ir-reġim mingħajr viża jiġi abbużat jew fʼkaż taʼ abbuż li jirriżulta mill-eżenzjoni mill-ħtieġa taʼ viża.

Il-vjaġġaturi li ma jirrikjedux viża se jibqaʼ jsirilhom kontrolli fil-fruntieri esterni tal-UE dwar jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-dħul, inkluż billi jiġu ċċekkjati s-Sistema taʼ Informazzjoni taʼ Schengen u l-bażijiet tad-data nazzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-vjaġġaturi eżenti mill-ħtieġa taʼ viża li jżuru ż-żona Schengen ikunu soġġetti għas-Sistema taʼ Dħul/Ħruġ (EES) tal-UE u għas-Sistema Ewropea taʼ Informazzjoni u taʼ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) malli dawn ikunu kompletament operattivi.

Kemm il-Kuwajt kif ukoll il-Qatar huma sħab ekonomiċi importanti għall-Unjoni, bʼmod partikolari fil-qasam tal-enerġija u fid-dawl tal-objettivi tal-UE li tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kuwajt u l-Qatar intensifikat ukoll fʼdawn l-aħħar snin fʼdiversi oqsma taʼ politika, bħal fil-qasam tas-sigurtà kemm fil-livell bilaterali kif ukoll permezz tal-Kunsill taʼ Kooperazzjoni tal-Golf (GCC). Barra minn hekk, il-Kuwajt u l-Qatar it-tnejn joħorġu passaporti bijometriċi.

Madankollu, għad hemm tħassib u nuqqasijiet serji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Minkejja r-riformi leġiżlattivi u l-inizjattivi politiċi reċenti, għadhom jippersistu ħafna sfidi fʼdiversi oqsma kif ukoll fl-infurzar taʼ leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet adottata kif indikat, fost oħrajn, fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess, fir-rapport annwali tal-2021 tas-SEAE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u fir-rapporti annwali taʼ Amnesty International u Human Rights Watch. Fʼdan il-kuntest, ingħatat attenzjoni partikolari lill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema migranti fid-dawl tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA li jmiss. Madankollu, oqsma oħra taʼ tħassib jinkludu d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-persuni LGBTQ+, il-libertà tar-reliġjon, il-projbizzjoni tat-tortura, il-libertà tal-kelma, id-dritt taʼ għaqda, u l-projbizzjoni

tal-piena tal-mewt.

L-istatus mingħajr viża jista' jkollu rwol ewlieni fil-promozzjoni tas-sħubija bejn iż-żewġ reġjuni u fit-tisħiħ tad-djalogu politiku, u fl-iskambji ekonomiċi, ta' riċerka, edukattivi, kulturali u soċjetali. L-organizzazzjoni ta' djalogi uffiċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandha tkun parti integrali mill-impenji meħuda fl-ambitu tal-ftehimiet bilaterali li għandhom jiġu konklużi bejn l-Unjoni u l-Qatar u l-Kuwajt, u l-evalwazzjoni kontinwa ta' tali djalogi għandha tkun prevista wkoll. Meta jitqies li dawk il-ftehimiet bilaterali se jkunu l-ewwel li jiġu adottati fl-ambitu tar-reġim il-ġdid previst mir-Regolament (UE) 2018/1806, ir-Rapporteur jemmen li l-introduzzjoni ta' tali klawżoli tirrappreżenta mudell pożittiv b'effetti trickle-down ta' benefiċċju għal ftehimiet futuri ta' dan it-tip.

L-introduzzjoni tar-reġim mingħajr viża hija ta' importanza sinifikanti għaċ-ċittadini tal-Qatar u l-Kuwajt kif ukoll għaċ-ċittadini tal-UE, u se tikkontribwixxi għall-approfondiment tal-kuntatti u l-iskambji bejn il-persuni kif ukoll għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet soċjali u kulturali. F'dan ir-rigward, ikun essenzjali li jiġi żgurat aċċess ugwali u nondiskriminatorju għaċ-ċittadini kollha taż-żewġ partijiet għall-benefiċċji relatati mar-reġim mingħajr viża.

Sabiex jiġu vvalutati l-benefiċċji u l-kisbiet reali li jirriżultaw mir-reġim mingħajr viża u l-ħtieġa potenzjali ta' titjib, ir-Rapporteur iqis li jkun xieraq li ssir evalwazzjoni perjodika ta' tali reġim, billi fil-ftehimiet bilaterali futuri kollha dwar l-eżenzjoni mill-viża tiġi inkorporata dispożizzjoni espliċita dwar l-evalwazzjoni u r-rappurtar mill-Kummissjoni.

Fid-dawl tal-benefiċċji li r-reġim mingħajr viża jista' jġib lill-partijiet involuti, l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi oħra li jkunu interessati fl-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE. L-eżenzjonijiet proposti mill-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini tal-Qatar u l-Kuwajt għandhom jagħtu impetu lill-Kummissjoni biex tibda djalogu konkret ma' pajjiżi oħra abbażi tal-kriterji u l-proċedura stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1806 u biex tevalwa b'mod tempestiv lil dawk il-pajjiżi potenzjalment eliġibbli u interessati.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jemmen li, bl-adozzjoni ta' din il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jikkonferma l-impenn tiegħu li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-persuni u l-iskambji soċjetali mal-Kuwajt u mal-Qatar. Għaldaqstant, u filwaqt li jitqies is-sinifikat tal-liberalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini tal-partijiet involuti, ir-Rapporteur jirrakkomanda li l-membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jappoġġaw dan ir-rapport.